



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' l-4 ta' Ottubru, 2005,

fuq it-talba tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

dwar abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward tal-perjodu ta' referenza komuni ta' l-indiċi għall-indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur

(CON/2005/33)

1. Fil-5 ta' Settembru, 2005, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, għal opinjoni dwar abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward tal-perjodu ta' referenza komuni ta' l-indiċi għall-indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur, u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2214/96 (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost').
2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea u l-Artiklu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 Ottubru, 1995, dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur¹. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.
3. L-għan tar-regolament propost huwa li jirrevedi l-perjodu ta' referenza komuni ta' l-indiċi għall-indiċijiet kollha armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur (HICPs) mill-1996=100 sa 2005=100, u li jistabbilixxi l-proċedura għall-aġġornament futur tal-perjodi ta' referenza ta' l-indiċi. Barra min dan, ir-regolament propost jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-perjodu ta' referenza l-ġdid ta' l-indiċi u t-ttrattament tas-sotto-indiċijiet ġodda tal-HICP.
4. Il-BĊE jilqa' ir-regolament propost. L-aġġornament m'għandu l-ebda effett fuq ir-rati annwali kkalkulati ta' l-inflazzjoni tal-HICP ħlief xi effetti ta' tqarrib, li jkun mistenni li jkunu żgħar. Il-BĊE m'għandu l-ebda kummenti dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fir-regolament propost.

¹ ĠU L 257, 27.10.1995, pġ. 1.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-4 ta' Ottubru, 2005.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET